MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Numru 739/2005

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina
Spettur Dennis Theuma)

vs

omissis
Clifton Buttigieg
Anthony Paul Shaun Mamo

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Clifton Buttigieg (detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 484284M) u l-imputat Anthony Paul Shaun Mamo (detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 305595M), akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta’ Gunju 2004 u fiz-zmien ta’ qabel b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

a. ikkomettew serq ta’ somma ta’ flus li teccedi l-Lm100 izda ma teccediex l-Lm1,000 u dan billi ghamlu uzu ta’ diversi credit cards fosthom Quickcash Card tal-HSBC liema serq sar ghad-detriment tal-HSBC, ta’ Louis Micallef u Rachel Farrugia, liema serq hu aggravat bil-mezz u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
b. Xjentement laqghu ghandhom jew xtraw affarijiet misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex imexxuhom jew ibieghuhom u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

1. Lil Anthony Paul Shaun Mamo wahdu:

Talli kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 skond is-sentenza datata 20 ta’ Jannar 2004.

2. Lil Charles Falzon wahdu:

Fl-istess data kiser sentenza moghtija mill-Qorti datata 20 ta’ Jannar 2004 liema sentenza ma tistax tigi mibdula.

Semghet l-imputati fl-ewwel udjenza jirregistraw ammissjoni fl-liema ammissjoni insistew fuqha anka wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw;

Rat il-verbal ta’ din l-udjenza fil-waqt li laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni ghas-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-co-akkuzat Charles Falzon iddiferiet il-proceduri fil-konfront ta’ dan “sine die” riappuntabbli b’rikors;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Illi fil-konfront tal-akkuzati Clifton Buttigieg u Anthony Paul Shaun Mamo huma ipotizzati kontra taghhom ir-reat ta’ serq u ricettazzjoni. L-imputat Anthony Paul Shaun Mamo huwa wkoll akkuzat li kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap 446.

Illi huwa maghruf li s-serq u r-ricettazzjoni huma alternattivi ghal xulxin.

Ghalhekk u wara li hadet l-informazzjoni mehtiega u stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata taghhom qeghdha issibhom hatja tar-reat ta’ serq u fil-konfront tal-imputat Anthony Paul Shaun Mamo ukoll tal-ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap 446.

Rat l-Artikoli 261(b)(c), 264, 267, 279(a), 280(2), 17, u 31 tal-Kap 9 u l-Artikolu 7 tal-Kap 446; tiddikjarahom hatja tal-akkuza ta’ serq u tapplika wara li kkunsidrat ic-cirkustanzi li tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 billi tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor zmien sentejn u tlett snin rispettivament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------